# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ta' Sannat

## DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 33

14 ta' Ottubru, 2021

Il-Kunsilli Lokali Ta' Sannat ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz fi Triq Sannat, Ta' Sannat fis-2.30 ta' wara nofsinhar.

PREŻENTI:

Philip Vella – Sindku
Frances Galea – Viċi Sindku
Clayton Tewma – Kunsillier
Joseph Bajada – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Steven Gauci – Kunsillier

ASSENTI

n/a

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Jason Curmi – Segretarju Eżekuttiv

# Aġenda Nru. 33

33.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji;
33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 30 – 9 u tal-laqgħat b'urġenza Nru. 31 – 9 u Nru 32 - 9;
33.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;
33.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri;
33.5 Komunikazzjoni;
33.6 *Management Letter Reply;*
33.7 Applikazzjonijiet ta' fondi mir-Reġjun Għawdex;
33.8 Milied 2021;
33.9 Ħatra tal-bord – Vakanza – Steward għat-trattament Xieraq tal-Annimali;
33.10 CWSEF – Performance Bonus;
33.11 Sannat Criterium Race 2021;
33.12 The President's Solidarity Fun Run 2021;
33.13 Ilmenti u Suġġerimenti;
33.14 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 10/2021;
33.15 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

## Minuti

Is-Sindku kompla billi ppresjeda l-laqgħa wara li ntqalet it-talba tal-bidu.

## 33.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

33.1.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qal li l-Kunsillier Gauci nformaħ permezz ta' ittra li ma setgħax jattendi għal din il-laqgħa peress li ma jiflaħx.

## 33.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru. 30 – 9 u tal-laqgħat b'urġenza Nru. 31 – 9 u Nru. 32 - 9

33.2.1 Il-Kunsill għadda mill-ewwel għal minuti tal-laqgħa Nru. 30 – 9 u tal-laqghat b'urġenza Nru. 31- 9 u Nru. 32-9 li dawn kienu tqassmu minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija. Fuq dawn ma kienx hemm emendi, b'hekk dawn il-Minuti ġew approvati unanimament mill-Kunsill preżenti, dawn ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarju Eżekuttiv.

## 33.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

33.3.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li dwar l-offerta Nru. SNTLC 06/2021, dalgħodu stess saret laqgħa mad-Dipartiment tal-Kuntratti dwar din l-offerta fejn ħadna l-pariri neċessarji u rajna x'passi jmiss. Dwar Note 3 f'din l-offerta mhux supost intalbu rectifications, pero nstabu affarijiet oħrajn fejn kull bidder kellu xi nuqqasijiet. Għaldaqstant is-Sindku qal li jekk l-Kunsill jaqbel miegħu, hu qed jissuġġerixxi peress li l-Kunsill huwa l-Contracting Authority li dan it-tender jiġi kkanċellat u jerġa joħroġ biex b'hekk kullħadd jingħata trattament l-istess. Is-Sindku qal li jekk jiġi deċiż dan, jista jsir appell fejn f'dan il-każ, dan imur għand il-PCRB u jiġi deċiż minn hemm. Hu qal li b'hekk il-Kunsill ikun qed jimxi korrettament. Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri preżenti jekk jaqblux ma dan. Wara diskussjoni bejn il-Kunsillieri preżenti, il-Kunsill qabel li dan it-tender għandu jiġi kkanċellat u jiġu nfurmati b'dawn il-bidders nvoluti.

33.3.2 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-10 ta' Ottubru għadu kif għadda, u sa sena oħra jekk se jsir il-monument tal-gwerra dan irid jiġi nstallat. L-istimi li l-Kunsill irċieva għal dan il-monument huma għoljin. Hu qal li l-problema huwa ż-żmien peress li kull ma għad fadal huwa sena minn meta jrid jiġi kkommemorat it-80 sena minn din it-traġedja u barra minnhekk min se jiffinanzja dan il-proġett. Il-Kunsillier Bajada qal li vera li jidher li l-ammont huwa kbir pero wieħed irid jikkunsidra x-xogħol li jikkonsisti peress li l-ispejjeż huma kbar. Is-Sindku qal li wieħed għandu jikonsidra x'jista jsir minflok.

33.3.3 Is-Sindku qal li wara li l-Kunsill fetaħ ix-shelter fi Pjazza Santa Margerita, sar is-survey li ntalab mill-Awtorita' tal-Ippjanar u dan reġa ingħalaq kif kien.

33.3.4 Is-Sindku qal li nhar it-Tnejn 11 ta' Ottubru saret laqgħa mas-Superitendent tal-Pulizija fl-uffiċċju tal-Kunsill, fejn għaliha attenda s-Segretarju Eżekuttiv u hu, fejn ġew diskussi ż-żibel li ma jitpoġġiex quddiem ir-residenza privata, il-parkeġġ, il-community policing u r-roundabouts ta' Sannat Junction u dik ta' Pjazzetta tax-Xelina.

33.3.5 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-fondi ta' Triq Skerla mill-Ministeru għal Għawdex daħlu fil-kont tal-Kunsill b'hekk il-Kunsill jista jħallas il-kumplament għal din it-triq. Il-Kunsill qabel ma

dan. Il-Kunsill qabel li għandu jikteb bl-Avukat lill-EneMalta dwar l-istat ta kif tħalliet it-triq wara li kien sploda high tension f'din it-triq lura fl-Lulju ta' din is-sena.

33.3.6 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li kif tkellimna fil-laqgħa preċedenti beda jitnaddaf l-istorm water culvert minn Pjazzetta tax-Xelina sal-junction ta' Triq Sannat u dan ix-xogħol għandu jitlesta fil-ġimgħat li ġejjin dejjem jekk it-temp jippermetti.

33.3.7 Is-Sindku qal li fil-laqgħa preċedenti ssemma li l-Kunsill għandu jiġbor kwotazzjonijiet għat-tiżjin b'dawl dekorattiv ta' Triq Sannat u Pjazza Santa Margerita għal zmien il-Milied u l-ewwel tas-Sena. Il-Kunsill ġabar żewġ kwotazzjonijiet mingħand kuntrattur wieħed ovvjament b'żewġ disinni differenti. Il-Kunsill kif kien ddiskuta s-sena l-oħra ħaseb biex dan it-tiżjin jiġi nstallat fuq arbli fi Triq Sannat u Pjazza Santa Margerita. Il-Kunsill għażel l-irħas offerta.

33.3.8 Is-Sindku semmha l-kwotazzjonijiet ta' SNTLC 10/2021 Provision and cleaning services at Ta' Sannat Local Council u SNTLC 12/2021 Cleaning, maintenance and opening of Public Convenience on the locality of Sannat in an environmentally friendly Manner (re-issued) u li l-Kunsill għadu jrid jevalwa u jaġġudika dawn il-kwotazzjonijiet. Il-Kunsill ħa deċizjoni li l-bord jinbidel. Fit-3.00 p.m. il-laqgħa ġiet sospisa sakemm il-Kunsill ħatar bord. Fit-3.05 il-laqgħa tkompliet. Il-Kunsill qabel li dan il-bord għal dawn il-kwotazzjonijiet jiġi kompost minn Chairperson is-Sindku, membri l-Accountant Daniel Galea, Mark Formosa, l-Avukat Mario Calleja u segretarju tal-bord is-Segretarju Eżekuttiv.

33.3.9 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li l-ex Sindku ta' Pisoniano, Vittorio Rocca ħalla din id-dinja fix-xahar ta' Settembru 2021. Il-Kunsill ħa ħsieb li jibgħat il-kondoljanzi lill-familjari tiegħu u bgħat ukoll bukett fjuri b'memorja tiegħu. Il-Kunsill qabel ma dan.

33.3.10 Is-Sindku qal li issa il-Comune di Montefiascone ġie ffurmat, dan wara li saret l-elezzjoni u hemm Sindku ġdid u għalhekk qed jitlob li jsir komunikat u ssir żjara ta' kortesija biex jitkompla l-ġemellaġġ peress li l-Kunsill għandu fondi riservati għas-sena d-dieħla peress li għadna għaddejin minn żminijiet ta' pandemija tal-Covid-19. Is-Sindku qal li wieħed għandu jżur ukoll Pisoniano biex jitkompla l-ġemellaġġ ma hemm hekk ukoll. Il-Kunsill qabel ma dan.

33.3.11 Is-Sindku qal li kellu komunikat ma' Kunsillier mill-Kalkara fejn din uriet l-interess li l-Kunsilli nvoluti jkomplu l-patt ta' ħbiberija li kien hemm bejniethom. Il-Kunsill qabel ma dan.

33.3.12 Is-Sindku qal li kellu komunikat minn individwi mill-Mosta fejn urew interess peress li hemm il-kappella ddedikata lil Santa Margerita sabiex isir patt ta' ħbiberija bejniethom ukoll. Il-Kunsill qabel ma dan.

33.3.13 Is-Sindku qal li Heritage Malta talbet għall-tarsferiment temporanju ta' artifatti biex jiġu mislufa ż-żewġ ġebliet in kwistjoni għal wirja li ser tittella ġewwa l-Mużew Nazzjonali tal-Arkeoloġija ġewwa l-Belt Valletta. Il-Kunsill qabel ma dan.

33.3.14 Is-Sindku qal li saret laqgħa ma' uffiċjali mill-MESD dwar il-proġett innovattiv li l-Kunsill għandu l-ħsieb li jwettaq għal ġibjun, parkeġġ u playing field fi Triq Marziena, fejn attenda ukoll il-Perit tal-Kunsill. Dwar dan il-Kunsill għandu jaħseb għal project proposal u stimi nvoluti. Is-Sindku qal ukoll li tkellem dwar il-ġibjun li hemm fi Triq il-Kbira u li dan għandu bżonn ir-restawr u tisbieħ. Il-Kunsill għandu jgħamel ukoll project proposal dwar dan il-proġett.

## 33.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri

33.4.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri preżenti jekk kellhomx xi mistoqsijiet, suġġerimenti jew proposti.

33.4.2 Il-Kunsillier Bajada qal li ltaqa ma individwi fejn talbu li parti minn Triq l-20 ta' Lulju għandha issir pedestrian billi jiġu nstallati bollards, dan peress li hija triq zgħira u dejqa, b'hekk nevitaw li jgħaddu trakkijiet kbar peress li ma hemmx minn fejn jgħaddu. Is-Sindku qal li l-Kunsill għandu jkellem lill-Transport Malta dwar dan is-suġġeriment.

33.4.3 Is-Sindku semmha sabiex jitneħħew it-tabelli tan-no entry li ġew installati u approvati minn Transport Malta minħabba l-blokok tas-siment li tpoġġew, bħala lqugħ ma binja qadima fil-parti ta' fuq fi Triq Ta' Ċenċ. Dan peress li l-blokok tneħħew. Il-Kunsill qabel ma dan.

33.4.4 Il-Kunsillier Tewma staqsa dwar ir-road hump ta' Triq ix-Xewkija. Is-Sindku qal li dawn ir-road hump f'din it-triq ma jistgħux isiru peress li tgħaddi l-karrozza tal-linja biss il-Kunsill għadu ma rċevietx mingħand Transport Malta. Is-Sindku qal li l-Kunsill kien talab lil Transport Malta biex jiġu nstallati bollards madwar ir-roundabout f'Sannat Junction, dwar dan il-Kunsill għadu bla risposta.

## 33.5 Komunikazzjoni

33.5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill b'Ċirkulari mibgħuta mid-DLG dwar:
Ċirkulari 6/2021 – Elezzjoni tal-Kumitat Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsilli Lokali – 9 ta' Ottubru 2021
Ċirkulari 7/2021 – Emendi legali fil-leġislazzjoni tal-Gvern Lokali
Ċirkulari 8/2021 – Offsetting tal-ispejjeż relatati mal-Wasteserv
Ċirkulari 9/2021 – Pagamenti mill-Kunsilli Lokali lil ħaddiema tal-iskejjel
Ċirkulari 10/2021 – Estensjoni tal-Mandat tal-Eżekuttiv tal-Assoċjazzjoni tal-Kunsill Lokali
Ċirkulari Numru *SPI*/SCI/6/2021 – Espressjoni ta' Interess – Finanzjament Milied 2021
Ċirkulari Numru *SPI*/SCI/7/2021 – Fond ta' Manutenzjoni u Sostenn ta' Proġetti Infrastrutturali Maġġuri li ġew imwettqa mill-Gvern Ċentrali

33.5.2 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill biċ-Ċirkularijiet mibgħuta mill-Assoċjazzjoni Kunsilli Lokali u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
11 ta' Settembru 2021 – Cir AKL 2021/090 ADHD Awareness month
15 ta' Settembru 2021 – Cir AKL 2021/091 Ħaddiema RSSL u CWSEF
20 ta' Settembru 2021 – Cir AKL 2021/092 ĠEMMA sessjoni informattiva għall-Kunsilli Reġjonali/ Lokali
20 ta' Settembru 2021 – Cir AKL 2021/093 Covenant of Mayors
23 ta' Settembru 2021 – Cir AKL 2021/094 Pink October. Is-Sindku qal li l-Kunsill qed jipparteċipa billi xegħel il-Kalkara tal-Ġir rosa għal dan il-għan.
24 ta' Settembru 2021 – Cir AKL 2021/095 MoU iffirmat bejn l-AKL u d-Dipartiment tax-Xogħolijiet Pubbliċi
27 ta' Settembru 2021 – Cir AKL 2021/096 AKL Webinar – Social Field: Youth and Criminality 20/10/2021
28 ta' Settembru 2021 – Cir AKL 2021/097 Sessjoni Informattiva – Working towards safer communities – Community Policing & CRPD
30 ta' Settembru 2021 – Cir AKL 2021/098 EU Code Week 2021

01 ta’ Ottubru 2021 – Cir AKL 2021/099 Litterless challenge to local councils 18 – 28th October 2021
04 ta’ Ottubru 2021 – Cir AKL 2021/100 Wirt Kulturali Intanġibbli – ICH Malta
05 ta’ Ottubru 2021 – Cir AKL 2021/101 EUCF 3rd call – Online Webinar 18/10/2021
06 ta’ Ottubru 2021 – Cir AKL 2021/102 Developing your leadership style – Mentor Aid Session 27/10/2021
06 ta’ Ottubru 2021 – Cir AKL 2021/103 Festin tal-Milied għat-tfal 08/12/2021
07 ta’ Ottubru 2021 – Cir AKL 2021/104 LCA Internal Vacancy – Senior Executive Assistant
11 ta’ Ottubru 2021 – Spejjeż LESA 2019 - 2021

33.5.3 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mir-Reġjun Għawdex u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
23 ta’ Settembru 2021 – RE: Informazzjoni dwar l-Għeluq tat-toroq waqt id-dħul u l-ħruġ tal-istudenti mill-iskejjel ta’ Għawdex
24 ta’ Settembru 2021 – Re Laqgħa Reġjun Għawdex Nru 104 nhar il-Ġimgħa, 1 ta’ Ottubru, 2021 fis-6.30p.m.
29 ta’ Settembru 2021 – Invit – Laqgħa Pubblika dwar ir-Riforma fl-Industrija tal-Bini u l-Kostruzzjoni
30 ta’ Settembru 2021 – Re tibdil tal-Aġenda tal-Laqgħa Reġjun Għawdex Nru 104 nhar il-Ġimgħa, 1 ta’ Ottubru, 2021 fis-6.30p.m.
05 ta’ Ottubru 2021 – Re Skema Reġjonali – Parks, Ġonna u Spazzji Pubbliċi – 2021.
05 ta’ Ottubru 2021 – Estensjoni – Re Skema Reġjonali – Ambjent 2021.
05 ta’ Ottubru 2021 – Estensjoni – Re Skema Reġjonali – Kultura Għawdex 2021.
06 ta’ Ottubru 2021 – Gentle Reminder – Invit – Laqgħa Pubblika dwar ir-Riforma fl-Industrija tal-Bini u l-Kostruzzjoni

33.5.4 Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar lill-Kunsill bl-imejls mibgħuta mill-Planning Authority dwar applikazzjonijiet u li dawn ġew iċċirkulati lill-Kunsillieri permezz tal-imejl. Dawn huma:
7 ta’ Settembru 2021 – PA/01714/21 – GTD – To sanction the construction of a substation within existing cattle farm. – Triq Tal-Lewz, Sannat
7 ta’ Settembru 2021 – PA/01886/21 – GTD – Proposed alterations to broiler unit approved in Pa0143/20, consisting to changes to door openings and hard and soft landscaping. – Triq Tal-Lewz, Sannat
7 ta’ Settembru 2021 – PA/06143/21 – To demolish existing building, excavate site and proposed garages for private cars at basement level; twelve flats (4 on each floor) at ground, first and second floor levels and swimming pool. – Triq Ta’ Ċenċ, Sannat
22 ta’ Settembru 2021 – PA/00321/21 – GTD – To demolish existing dwelling except the ground floor facade and to construct a terraced house on 2 floors with a basement garage and to construct a pool. – Triq Dun Xand Aquilina, Sannat
22 ta’ Settembru 2021 – PA/06478/21 – To sanction apartment as built, with respect to the approved permit PA4356/05 – Triq Marsilja, Sannat
29 ta’ Settembru 2021 – PA/02688/21 – GTD – To sanctin changes to permit PB1105/75, to make alterations to existing building and to propose replacement of existing roof and extension and second floor level. – Triq il-Falkun, Sannat
29 ta’ Settembru 2021 – PA/02946/21 – GTD – To construct stairs in garden, and a bedroom at receded floor. – Triq il-Kbira, Sannat
29 ta’ Settembru 2021 – PA/02984/21 – GTD – Demolition of existing structures and construction of a terraced house with underlying garage. – Triq Ta’ Saguna, Sannat
29 ta’ Settembru 2021 – PA/05757/21 – GTD – To sanction variations at receded floor level approved in PA1842/15 and raising of parapet wall at roof level . – Triq Ta’ Ċenċ, Sannat

## 33.6 *Management Letter Reply*

33.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv nforma lill-Kunsill li ġiet ppreparata l-management letter reply biex tintbgħat lill-Awdituri. Din kienet ġiet ċċirkulata permezz tal-imejl. Il-Kunsill qabel ma din l-ittra u għandha tintbgħat din ir-risposta.

## 33.7 Applikazzjonijiet ta' fondi mir-Reġjun Għawdex

33.7.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li r-Reġjun Għawdex kien informa li hemm applikazzjonijiet li ġew estizzi u li dawn huma:
Skema Reġjonali – Parks, Ġonna u Spazji Pubbliċi – 2021.
Skema Reġjonali – Ambjent 2021.
Skema Reġjonali – Kultura Għawdex 2021.
Skema Reġjonali – Librериji fil-Lokalita' 2021.
Wara diskussjoni l-Kunsill qabel li għandu japplika minn dawn l-iskemi.

## 33.8 Milied 2021

33.8.1 Is-Sindku qal li fil-passat, ta' kull sena, il-Kunsill kien jgħamel żjara lill-anzjani u persuni bi bżonnijiet speċjali biex b'hekk nuru soledarjeta ma dawn il-persuni fil-lokalita' fi żmien il-Milied. Minħabba l-pandemija Covid-19 dan ma sarx is-sena l-oħra. Il-Kunsill ddiskuta dan għal din is-sena peress li xi miżuri ġew irrilaxxati.

33.8.2 Is-Sindku qal li bħas-sena l-oħra wieħed għandu jerġa jikkunsidra li b'kollaborazzjoni mas-Soċjeta Mużikali Santa Margerita jorġanizza daqq ta' innijiet tal-Milied f'diversi toroq tal-lokalita nhar il-Milied stess peress li s-sena l-oħra din intlaqet tajjeb ħafna mar-residenti. Il-Kunsill għandu japplika ma' Christmas in Gozo.

33.8.3 Is-Sindku qal li wieħed għandu jikkonsidra biex din is-sena ssir il-Christmas treat lil membri tal-NGO's li jinsabu fi ħdan din il-lokalita'. Il-Kunsill qabel li dan isir.

## 33.9 Ħatra tal-bord – Vakanza – Steward għat-trattament Xieraq tal-Annimali

33.9.1 Is-Sindku qal li l-applikazzjonijiet għall-vakanza ta' Steward għat-trattament xieraq tal-Annimali tgħalaq fis-17 ta' Ottubru 2021. Il-Kunsill għandu jaħtar bord tal-għażla għal din il-vakanza.

## 33.10 CWSEF – Performance Bonus

33.10.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li rċieva imejl mingħand il-Management tal-CWSEF dwar il-performance bonus tal-impjegati assenjati miegħu. Fuq rakkomandazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv il-Kunsill qabel li dan il-performance bonus għandu jingħata lill-ħaddiema kollha li l-Kunsill għandu assenjati miegħu.

## 33.11 Sannat Criterium Race 2021

33.11.1 Is-Sindku qal li Shamrock Stars Sports Club ser itella' tellieqa bir-roti nhar il-Ħadd 17 ta' Ottubru 2021 fejn talbu lill-Kunsill jikkolabora f'din l-attivita'. Il-Kunsill ddiskuta din il-proposta u aċċetta li jikkolabora.

## 33.12 The President's Solidarity Fun Run 2021

33.12.1 Is-Sindku nforma lill-Kunsill li ntalab biex f'isem il-lokalita' jaċċetta li jipparteċipa fil-President's Solidarity Fun Run 2021 peress li din is-sena ser issir fuq bażi lokali minħabba l-miżuri tal-Covid-19. Il-Kunsill għandu jinforma b'dan lir-residenti permezz ta' avviż fuq il-mezzi soċjali. Il-Kunsill għandu jirċievi aktar informazzjoni ta kif ser titmexxa din is-sena. Il-Kunsill għażel ir-rotta fil-lokalita' u din ġiet maqbula.

## 33.13 Ilmenti u Suġġerimenti

33.13.1 Is-Sindku staqsa lill-Kunsillieri jekk kellhomx xi ilmenti jew suġġerimenti.

33.13.2 B'referenza għall-ilment numru 35/2021, residenta li toqgħod fi Triq Vincenzo Caruana Spiteri talbet li tiġi mibdula l-bankina quddiem ir-residenza tagħha. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din talba intbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System.*

33.13.3 B' referenza għall-ilment numru 36/2021, residenta li toqgħod fi Triq Vincenzo Caruana Spiteri talbet li tiġi mibdula l-bankina quddiem ir-residenza tagħha. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din talba intbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System.*

33.13.4 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand residenta li toqgħod fi Triq it-Tilliera, fejn ilmentat rigward nar li qed jitqabbad fl-għelieqi ta' wara d-dar tagħha. Hija spjegat li meta jiġri dan u jkollhom l-ħwejjeġ fuq il-bejt, ikollhom jerġgħu jaħsluhom u anke r-riħa tad-duħħan tibqa' ġod-dar. Hija qalet li r-raġuni għaliex bagħtet din l-imejl hija li mhux fair li jbagħti ħaddieħor minħabba nies li ma jagħtux kas l-ambjent u nies tal-madwar. Hija qalet li dan jista' ma jkunx fil-kontroll tal-Kunsill, imma tixtieq li tittieħed azzjoni. Is-Sindku qal li dwar dan l-ilment għandha nkellmu lill-Pulizija fil-laqgħa li jmiss.

33.13.5 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* - MGOZ, rigward leaflets li ġew mormija fi Triq Marżiena. Is-Sindku qal li dwar dan l-ilment dan ġie solvut permezz tal-Pulizija.

33.13.6 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand persuna fejn talbet li ssir bankina ġdida fi Triq il-Paranji. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba intbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System.*

33.13.7 Il-Kunsill talab l-għajnuna tal-MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System* fejn talab li terġa tinżebaħ *Stop Sign* li tinsab fi Triq 28 ta' April 1688 peress li din tħassret u ma għadiex tingħaraf, dan wara li saru ix-xogħolijiet fi Triq Sannat.

33.13.8 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-Arċipiriet, fejn talab li jiġu rranġati u miżbugħa ż-żewġ bankijiet tal-injam li hemm mal-faċċata taċ-Ċimiterju ta' S.Margerita. Is-Sindku qal li dawn il-bankijiet iddeterjoraw maż-żminijiet bl-elementi naturali u għalhekk dawn jistgħu jinbidlu ma oħrajn ġodda. Il-Kunsill qabel li dawn jinbidlu ma tnejn ġodda.

33.13.9 Resident talab li jsir culvert fi Triq tal-Gruwa. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba intbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System.*

33.13.10 Il-Kunsill reġa irċieva imejl mingħand resident li joqgħod fi Triq Paranji rigward *double yellow lines* li hemm f'din it-triq. Huwa qal li l-problema hi, li hu mhux qed jipparkja imma dejjem b' xi karozza pparkjata fuq il-yellow line u kollox jgħaddi u ħadd ma jiġi mwaħħal ċitazzjonijiet, imbgħad meta ipparkja darba hu qalha ċitazzjoni. Hu qal li qed jistenna li jew jitneħħa jew kull min jipparkja fuqu jeħila kif weħila hu. Il-Kunsill għandu jara ma' Transport Malta x' suppost hemm immarkat f'din it-triq. Is-Sindku qal li dan mhux fir-responsabilita' tagħha imma hija responsabilta' tal-pulizija u LESA.

33.13.11 B'referenza għall-ilment numru 37/2021, persuna talbet li jinbena ħajt ta' għalqa fi Triq Dun Luqa dan peress li waqa bil-maltemp. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob l-għajnuna tal-MGOZ permezz tas-sistema tal-*Works Request System*.

33.13.12 B' referenza għall-ilment numru 38/2021, persuna talbet li jinbena ħajt ta' għalqa fi Triq tal-Gruwa dan peress li waqa bil-maltemp. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob l-għajnuna tal-MGOZ permezz tas-sistema tal-*Works Request System.*

33.13.13 Il-Kunsill talab l-għajnuna tal-MGOZ permezz tas-sistema tal-*Work Request System* sabiex tiġi rranġata Triq ix-Xewkija, Ta' Sannat (bejn Ta' Sannat u ċ-ċimiterju Ta' Sannat) peress li hija perikoluza wara l-maltemp. Is-Sindku qal li din diġa ġiet irrangata u hemm problema minn naħa tad-Depatiment tad-Drenaġġ.

33.13.14 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ, rigward trab u ġebel li waqa min ħajt fi Triq tal-Gruwa. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob l-għajnuna tal-MGOZ permezz tas-sistema tal-*Works Request System.*

33.13.15 Il-Kunsill irċieva imejl mingħad l-*Intevention Team* – MGOZ, rigward ħitan tas-sejjiegħ li waqgħu fi Triq Marziena bil-maltemp. Is-Segretarju Eżekuttiv informhom li din it-talba intbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System.*

33.13.16 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ, rigward toqba perikoluza fil-bidu ta' Triq Anton Tabone. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba intbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System.*

33.13.17 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ, rigward ħajt imwaqqa fi Triq ix-Xewkija. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba intbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System.*

33.13.18 Il-Kunsill talab l-għajnuna tal-MGOZ permezz tas-sistema tal-*Works Request System*, biex tiġi rranġata toqba kbira u perikolu̇za li saret wara l-maltemp, quddiem il-każin tal-Banda fi Pjazza Santa Margerita.

33.13.19 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand resident fejn ilmenta rigward ħmieġ fi Triq Saguna. Huwa talab li jiġu mwaħħla tabelli li jgħidu li hemm multi għal min iħammeġ. Is-Sindku qal li diġa hemm tabelli f'din it-triq.

33.13.20 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ, rigward riħa ta' drenaġġ u ilma ħiereġ fi Triq Skerla li jidher fil-passaġġi fejn jimxu n-nies. Is-Segretarju Eżekuttiv informa lill-Kunsill li dan jinsab fi propjeta privata f'Ta' Ċenċ u ma taqax taħt ir-responsabilta' tal-Kunsill.

33.13.21 B'referenza għall-ilment numru 39/2021, residenta li toqgħod fi Triq Ta' Ċenċ talbet li tiġi rranġata l-bankina quddiem ir-residenza tagħha peress li din tkissret wara l-maltemp. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba intbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System.*

33.13.22 B'referenza għall-ilment numru 40/2021, residenta li toqgħod fi Triq Saguna talbet li tiġi ippaċjata u jimtlew t-toqob speċjalment mal-binja tagħha dan għaliex qed jidħol ħafna ilma. Apparti dan talbet ukoll li fil-kantuniera ta' Triq Bebunaq għal Triq Saguna jsir water catchment ieħor biex jilqa' l-ilma u jibqa' sejjer għal water culvert. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba intbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System.*

33.13.23 B'referenza għall-ilment numru 41/2021, residenta li toqgħod fi Triq Ta' Ċenċ talbet li jingħata liquid membrane peress li qed jidħol l-ilma minn mat-tarmak. Is-Sindku spjega x'qed jiġri u x'għandu jsir biex tiġi rimedjata din il-problema. Il-Kunsill qabel li għandu jitlob l-għajnuna tal-MGOZ permezz tas-sistema tal-*Works Request System.*

33.13.24 Resident li joqgħod fi Triq Ta' Ċenċ talab li tiġi rranġata l-bankina peress li qed jidħollu ħafna ilma minn ma l-istess bankina. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li din it-talba intbagħtet lil MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System.*

33.13.25 Il-Kunsill talab l-għajnuna tal-MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System* sabiex tiġi rranġata toqba fonda u perikoluża fi Triq Saguna.

33.13.26 Il-Kunsill irċieva imjel mill-uffiċju tal-OPM rigward bankina li hemm f'kantuniera fi Triq Ta' Bebunaq li fiha pajpijiet mikxufin, hemm bżonn ukoll ta' tarmac fil-kantuniera tat-Triq. Is-Sindku iformahom li hemmhekk mhux bankina biss trid issir, iżda titnaddaf u titqaxxar il-kantuniera kollha jingħataw il-livelli tat-triq u issir bankina imbgħad tingħata t-triq bit-tarmac sal-Pjazzaetta tax-Xelina. Il-Kunsill ilu madwar 4 snin li daħħal l-ilment tar-residenti l-MGOZ u s' issa għadna nistennew.

33.13.27 Il-Kunsill reġa rċieva imejl mingħand resident li joqgħod fi Triq ix-Xabbata kantuniera ma Triq Marsilja rigward karozzi li qed jipparkjaw quddiem il-bieb tagħhom u qeda tkun diffiċli biex jidħlu u joħorġu fid-dar tagħhom. Barra min hekk huwa ukoll ta' periklu, peress li ma hemmx bankina u malli jiftħu l-bieb isibu l-karozzi ma wiċċhom. Hija qalet li saru double yellow lines imma ma sarux sa quddiem l-bieb tagħhom u b'hekk l-karozzi jipparkjaw quddiem l-bieb tagħhom dejjem. Hija qalet li soluzzjoni oħra hija li jsiru bollards, fuq iż-żewġ naħat tal-bieb tagħhom. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li intalbet li ssir bankina ġdida bis-sistema tal-*Works Request System* tal-MGOZ.

33.13.28 Il-Kunsill talab l-għajnuna tal-MGOZ bis-sistema tal-*Works Request System,* sabiex tinżabar siġra li kibret ħafna u għandha ħafna friegħi fil-baxx li huma perikolużi speċjalment għas-sewwieqa. Din tinstab fi Triq Dun Lazzru Camilleri.

33.13.29 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward tabella mgħawġa fi Triq Mġarr ix-Xini. Il-Kunsill se jieħu ħsieb li jirranġa din it-tabella.

33.13.30 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand l-*Intervention Team* – MGOZ rigward rimi ta' skart fi Triq Gerxija. Il-Kunsill ġie nfurmat li dan inġabar.

33.13.31 B'referenza għall-ilment numru 42/2021, resident li joqgħod fi Triq l-Isqof Cocco Palmieri talab li l-bozza li hemm imdendla f'nofs it-triq tiġi mwaħħla mal-arblu ġdid li twaħħal mill-Enemalta. B'hekk imbgħad tkun tista' tinqala' il-ħadida li għandu mal-appoġġ għax qed

issirlu ħsara strutturali fil-bini u hu lanqas irid wires imdendlin mal-faċċatta tiegħu. Il-Kunsill qabel li għandu jsir ix-xogħol neċessarju biex din il-bozza minn f'nofs it-triq titneħħa u teħel ma arblu li ġie mwaħħal riċentament u jitilqu l-wires li għandu mall-faċċata.

33.13.32 B'referenza għall-ilment numru 43/2021, residenta li toqgħod fi Triq Ta' Ċenċ, ilmentat rigward il-konkos li sar fi Sqaq Dun Astas dan peress li ma sarx biex l-ilma jaqleb il-barra mill-isqaq u wara xita jibqa l-għadajjar tal-ilma quddiem il-garaxx tagħha. Il-Kunsill qal li jaf bil-problema.

33.13.33 Il-Kunsill irċieva imejl mingħand resident minn Triq Skerla fejn qed jitlob li ssir laqgħa mall-Kunsill flimkien mall-Perit tal-Kunsill rigward il-linja tal-bini. Il-Kunsill qabel li għandha ssir din il-laqgħa flimkien mall-Perit.

33.13.34 Is-Sindku qal li riċenti ġie nfurmat li ser isiru xogħolijiet ta kostruzjoni fi Triq Palazzo Palina fejn se jinqala ħajt tas-sejjieħ li hemm fi Triq Skerla fejn hemm il-belveder u dawn se jitilgħu bl-inġenji minn fuq din il-bankina. Hu qal li l-imprenditur ċempillu u qallu li biex ma ssirxħsara fuq il-monolitch concrete tal-bankina li hemm, propona jekk il-Kunsill jaċċettax li jsir plastic u siment biex l-inġenji jgħaddu minn fuqhom. Il-Kunsill qabel li dan l-inprenditur għandu jinżamm responsabbli ta' kull ħsara li ssir.

## 30.12 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti 10/2021

30.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq l-iskeda ta' pagamenti Nru. 10/2021 li kienet intbgħatet permezz ta' imejl biex dawn il-kontijiet jiġu approvati mill-Kunsill. Hu qal li dawn il-pagamenti għandhom jitħallsu bis-sistema tal-Internet Banking. Din l-iskeda ġiet ipproponuta mill-Kunsillier Bajada u ssekondata mill-Kunsillier Tewma. L-iskeda kif ippreżentata ġiet moqrija w aċċettata mill-Kunsill. Kopja ta' din l-iskeda approvata qed tinhemez ma dawn il-minuti ta' din il-laqgħa.

## 33.15 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta tal-laqgħa li jmiss

33.15.1 Il-laqgħa ntemmet fl-4.31 p.m. u ġiet aġġornata għal nhar it-18 ta' Novembru 2021, fis-1.30 p.m.

Konfermati, illum 18 ta' Novembru, 2021

| | |
|---|---|
| (iffirmata) | (iffirmata) |
| Philip Vella | Jason Curmi |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |